MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2009

Numru. 60/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Edward Xerri ta' 56 sena, bin Emanuel u Carmela nee' Xuereb,**
**imwieled Ghajnsielem, nhar il-21 ta' Lulju, 1952, residenti fil-fond**
**numru Aussie Flat 1, Triq Malta, Ghajnsielem u detentur tal-karta**
**ta' l-identita' numru 49952(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Edward Xerri li gie akkuzat talli nhar it-03 ta' Gunju 2009, u xhur ta' qabel gewwa Aussie, Flat 1, Triq Malta, Ghajnsielem;

a) Kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet ammissjoni;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 5 (1), 51 (2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati u tikkundannah multa ta' seba' mitt ewro (€700) li ghandha tithallas f'rati mensili ta' hamsa u ghoxrin ewro (€25) fi tmienja u ghoxrin (28) pagament bl-ewwel pagament dovut sal-15 ta' Jannar, 2010.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------